# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 183 :: AWWISSU 2011

**Editur: Paul Vella**


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Mix-xahar ta' Awwissu, il-laqgħat tax-xahar se jerġgħu jibdew isiru kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar. Nisperaw li issa t-temp jerġa jkun aħjar. Għalhekk, il-laqgħa li tmiss se tkun nhar il-**Ġimgħa, 26 ta' Awwissu, 2011** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

***Jikteb Patrick Sammut minn Malta:***

## KITTIEBA ĦBIEBNA MILL-AWSTRALJA



Patrick Sammut

Kull tant żmien inħobb inżur blogs ta' ħbiebi l-kittieba. Wieħed minn dawn huwa l-poeta Malti-Awstraljan Joe Saliba li dan l-aħħar ippubblika ġabra oħra ta' poeżiji bl-isem ta' SANTWARJU (2011).
Ħadt gost ħafna nara dan il-link intitolat KITTIEBA MALTIN-AWSTRALJANI (QARI U MUŻIKA) f'rab-ta mal-Maltese Literature Group. Xi wħud minnhom iltqajt magħhom personalment hawn Malta, bħal Manwel u Josephine Cassar, Paul Vella, Lou Drofenik u Victor Sammut. Oħrajn, bħal Joe Saliba, inżommu kuntatt permezz tal-internet.
Kemm hu sabiħ tara Maltin li jgħixu eluf ta' kilometri 'l bogħod minn art twelidhom li baqgħu jgħożżu l-kultura u l-ilsien Malti! Huwa minnu li l-biċċa l-kbira tal-poeti u qarrejja li jidhru fil-vidjow huma emigranti tal-ewwel ġenerazzjoni, imma hu pjaċir ukoll tara dawk il-ftit żgħar jaqraw u jirreċtaw bil-Malti. Huwa sabiħ ukoll tara lil dawn il-Maltin-Awstraljani jaqraw jew jgħannu dal vivo l-versi tagħhom b'daqstant imħabba. Minn hawnhekk insellem lilhom kollha u nħeġġiġhom ikomplu jgħaddu l-imħabba tagħhom lejn dak kollu li hu Malti lil uliedhom u lin-neputijiet tagħhom. Araw il-link: http://www.youtube.com/jpasaltube
Għal min jixtieq ikun jaf x'inhu għaddej fil-komunita' Maltija fl-Awstralja jista' juża l-link tar-Radju f'Melbourne, http://www.3zzz.com.au/

### SANTWARJU (2011) ta' Joe Saliba (Awstralja):



Joe Saliba




**SANTWARJU** (2011) ta' Joe Saliba mill-Awstralja huwa ġabra ta' 65 poeżija miktuba bi stili differenti. Għalija huwa wieħed mill-poeti Maltin-Awstraljani ewlenin li qed jiktbu versi u poeżija mill-aktar validi bħalissa u li ħaqqhom aktar pubbliċita' u rispett mill-kritika lokali. F'Santwarju nsibu wkoll ġabra ta' 45 ħajku li dan l-aħħar qed iħajjar lil bosta poeti biex iħad-dmuh bħala stil. Interessanti hija wkoll il-parti tal-aħħar fejn il-poeta jiġbor numru sabiħ ta' kummenti dwar il-versi tiegħu mill-pinna ta' kritiċi letterarji, awturi, reċensuri u ħbieb tiegħu. Jolqtuni l-metafora li jħaddem Saliba u anki t-taħlita effettiva bejn dak li hu Malti u dak li hu Awstraljan. Ara l-blog personali tal-poeta:
http://joesalibaaustralia.blogspot.com/
Kumment aktar dettaljat dwar din il-ġabra jidher 'il quddiem fuq il-blog tiegħi: www.pagnawarapagna.blogspot.com/

***Il-kumitat u l-membri tal-Grupp ma jonqosx li jifraħ lil Joe Saliba u jixtieqlu aktar suċċessi.***

# Lejla Mużiko-Letterarja

## il-Ħadd, 18 ta' Settembru, 2011 - fis-2 pm

## fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville

***Ejjew u ġibu lil tal-familja u lil ħbiebkom magħkom***

***Il-Komunita` Maltija mistiedna li tattendi — Dħul b'xejn!***

# L-ISQOF JOSEPH GRECH IMFAKKAR MILL-G.L.M.










**Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, żamm programm ta' proża u poeżija biex ifakkru il-mibki u qatt minsi Isqof Malti, Mgr Joseph Grech, Isqof ta' Sandhurst. Dan inżamm nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm. Madwar 50 attendew u kulħadd deher li ħa gost b'dak li ġie ppreżentat.**



L-Isqof Joe Grech

Fost dawk preżenti kien hemm xi familjari tal-Isqof Grech. Kien hemm iz-zijiet tiegħu, is-Sur Jim Vella u s-Sinjura tiegħu, Tessie; binhom, Ray Vella u s-Sinjura tiegħu, Debbie; u n-neputija tagħhom, Elizabeth Burger. Konna onorati wkoll bil-preżenza ta' Fr Karm Borg, ħabib kbir tal-Isqof Grech.

Fost oħrajn kien hemm ukoll il-President tal-Kunsill Malti tal-Victoria, Prof. Maurice Cauchi u s-Sinjura tiegħu, Agnes, kif ukoll il-Viċi-President tal-istess Kunsill, is-Sur Gejtu Deguara u s-Sinjura tiegħu, Mary. Nixtiequ nirringrazzjaw lis-Sur Deguara tal-għajnuna tiegħu. Preżenti wkoll kien hemm il-President tar-Reskeon Maltese Association, is-Sur Caesar Vella, u s-Sinjura tiegħu, Phyllis.

Naturalment fost oħrajn kien hemm il-membri tal-Grupp, avolja kien hemm xi ftit apoloġiji minn dawk li ma setgħux jattendu.

Il-programm beda biex Paul Vella ta merħba lil dawk preżenti, speċjalment lill-familjari tal-Isqof Grech. Wara li Fr Karm Borg fetaħ il-programm b'talba, Paul ippreżenta fuq l-iskrin il-kbir, video, xogħol ta' Dr Clemente Zammit, "Bishop Joseph Grech — Farewell" li ntlaqa' tajjeb ħafna fost ħafna ċapċip. Wara, Paul introduċa lill-President tagħna, Dr Victor Sammut, li għal darb'oħra ta merħba lil dawk preżenti u tkellem fuq l-Isqof. Il-Viċi-President, is-Sinjura Marie Louise Anastasi, tkelmet fuq l-Isqof Grech. Il-Prof. Maurice Cauchi ġie mistieden biex ikellem lil dawk preżenti fuq *"Bishop Joe Grech Memorial Fund"*. Dan il-*fund* jinkoraġġixxi żgħażagħ ta' dixxendenza Maltija li jimxu fuq il-passi tal-Isqof Grech u jingħataw *scholarship* (għal tnejn) kull sena biex ikabbru fihom il-kwalitajiet u l-valuri li kellu l-Isqof Grech fil-ħajja tiegħu. Kien hawn li l-President tal-Grupp, Dr Victor Sammut, f'isem l-istess Grupp ippreżenta ċekk bħala donazzjoni għal dan l-istess *fund*.





Wara dan beda l-qari ta' proża u poeżiji fejn smajna lil Laurie Armato, Michael Xuereb, Maria Catania, Gużi Camilleri, Manwel Cassar u Paul Vella jaqraw xogħol tagħhom fuq l-Isqof.

Meta spiċċa l-qari, Paul ippreżenta Omelija li hu kien irrekordja għall-programm tiegħu fuq 3ZZZ, li kien għamel l-Isqof Grech fil-Festa tad-Duluri fil-Knisja ta' St. Mary Star of the Sea, West Melourne, fis-sena 2009.



Il-programm ingħalaq billi Fr Karm Borg rega' ġie mistieden biex jitkellem fuq l-Isqof Grech. Fr Karm kien ilu jaf lill-Isqof Joe minn Malta meta kien għadu jistudja. Huwa kompla jaqsam magħna l-esperjenzi li kellu miegħu meta l-Isqof kien ġie l-Awstralja, pass pass ta' meta sar Isqof u sa fl-aħħar meta kien sar Isqof ta' Sandhurst u sakemm huwa miet.

Kif għidna, kien programm sabiħ ħafna u dawk preżenti ħadu gost b'li semgħu u raw.

VICTORIAN
multicultural
commission

*Proudly supported by the Victorian Multicultural Commission*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**